MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 18/2004/1

**Avv. Dr Joseph Brincat ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Emanuel Debono**

**v.**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza kostituzzjonali u konvenzjonali taghha) fit-23 ta' Jannar 2006, li permezz taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrent – illum appellant – fir-rigward tal-pensjoni kontributorja li huwa jircievi minghand l-iStat.

**2.** Ikun opportun li din il-Qorti tirriproduci fl-inter taghha s-sentenza ta' l-ewwel Qorti peress li din fiha t-talbiet tar-rikorrent, l-eccezzjonijiet tal-intimati, sunt korrett tal-fatti kif ukoll il-motivazzjonijiet li wassluha biex tichad it-talbiet tar-rikorrent kif inghad:
"Il-Qorti,

"Rat ir-rikors ta' l-attur li bih ippremetta:

"1. Illi Emanuel Debono kien jahdem ma' Lloyds Shipping Registry f'Malta u skond is-sistema tax-xoghol ta' Lloyds, l-impjegati kienu jinvestu f'fond tal-kumpanija, u dan biex mill-istess fond meta jirtiraw, il-membri jkunu jistghu jiehdu return fuq l-investiment taghhom.

"2. Naturalment la hu kien jahdem Malta huwa kien ihallas regolarment il-bolla jew kontribuzzjoni tas-Sigurta` Socjali jew kif kienet maghrufa tan-National Insurance.

"3. Meta hu kien gie biex jirtira, kien sab li hu kien se jiehu biss id-differenza bejn il-pensjoni tan-National Insurance wara li jitnaqqas ir-return fuq Investiment tieghu fil-fond ta' Lloyds. Huwa kien ghamel kawza biex jigi dikjarat li dak li kien jippercepixxi minghand Lloyds ma kenitx pensjoni tas-servizz, imma l-Qorti tal-Appell ma kenitx qablet ma' tali posizzjoni u kienet iddikjarat li hu kien qed jircievi pensjoni tas-servizz.

"4. Illi kull xahar ir-rikorrent kien baqa' jircievi biss id-differenza, skond l-Artikolu 47 tal-Kap 318, Social Security Act, meta huwa kien hallas biex jiehu pensjoni shiha taht il-ligi tas-Sigurta` Socjali.

"5. Illi l-applikazzjoni tal-Ligi tas-Sigurta` Socjali fil-konfront tieghu fil-fatt kienet qed tispossessah minn beni li

huma bi dritt tieghu, ghaliex id-drittijiet ta' pensjoni kontributorja huma drittijiet ta' proprjeta`. Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali qatt ma kien irrifondielu xi parti mill-kontribuzzjonijiet li kien ghamel bhal haddiehor, imma kien tah biss parti, minn dak li kien jedd tieghu.

“6. Illi jekk jinghad li l-Gvern kien qed jaghtih pensjoni daqs kemm ghandu dritt, imma fl-istess waqt kien qed inaqqas favur l-istess Gvern l-ammonti li jippercepixxi Emanuel Debono minghand Lloyds fuq investiment li hallas ghalih hu, ikun ukoll qed jigi jpossessat minn dak li kien dritt tieghu bhala investiment privat. L-introjtu fuq l-investiment minflok kien imur ghand Emanuel Debono kien imur ghand il-Gvern u dan minghajr ebda kumpens.

“7. Illi tali ligijiet kienu qed joholqu diskriminazzjoni bejn min iqieghed flusu l-bank jew jinvestihom f'shares, bonds jew units f'veikoli ta' investiment u r-rikorrent li kien qed jinvesti f'veikolu “managed” u istitwit mill-employer tieghu.

“8. Illi tali posizzjoni legali, kif tohrog mil-Ligi, ta' kull xahar, kienet vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif protetti kemm mill-kostituzzjoni u kemm mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

“9. Illi l-vjolazzjoni li qed isiru u diga` saru jmorru kontra l-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-istess protokol.

“Ghaldaqstant ir-rikorrent, ghar-ragunijiet premessi, talab lill-Qorti (a) tiddikjara li l-Ligi tas-Sigurta` Socjali fl-Art. 47 taghha fejn taghti dritt lid-Direttur li jnaqqas dak li jikkunsidra bhala pensjoni tas-servizz u jnaqqasha milli jaghtu hu bhala pensjoni ta' l-irtirar, bhala kontra l-Kostituzzjoni kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-artikoli citati, u ghal kull xahar li operat tali tnaqqis fil-konfront tar-rikorrent Emanuel Debono (b) taghti rimedju adegwat (c) tordna l-hlas ta' danni kawzati lir-rikorrent Emanuel Debono b'tali vjolazzjonijiet.

“Bl-ispejjez.

“Rat ir-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali u l-Avukat Generali li eccepew:

“Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent kien allega ksur tad-dritt ghal protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta` bla kumpens, ksur tad-dritt ghat-tgawdija pacifika ta’ possedimenti, u ksur tat-tgawdija tad-drittijiet minghajr diskriminazzjoni.

“Illi kuntrarjament ghal dak li nghad mir-rikorrent il-fond li fih kien ikkontribwixxa r-rikorrent tul is-snin li kien impjegat mal-Lloyds ma kienx investiment privat izda fond intiz sabiex meta jirtira l-impjegat kienet tinghatalu l-pensjoni tas-servizz da parti tal-kumpanija li kienet timpjegah.

“Illi l-fond fuq menzjonat kien jikkwalifika bhala pensjoni tas-servizz kif imfissra fl-Art. 2 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali li jipprovdi:- “pensjoni tas-servizz tfisser pensjoni jew allowance ohra moghtija lil persuna dwar servizzi li jkunu qabel inghataw f’Malta jew barra minn Malta u ghandha f’kull kaz singolu titqies fuq bazi mhux kommutata”.

“Illi bl-ebda mod ma kien jista’ jinghad li l-introjtu fuq l-investiment minflok imur ghand ir-rikorrent imur ghand il-Gvern minghajr ebda kumpens ghaliex dan il-fond ma kien jirrapprezenta l-ebda investiment imma pensjoni tas-servizz li ghaliha r-rikorrent kien ikkontribwixxa b’mod volontarju, u li kienet relatata mas-servizz tieghu u li ghalih kienet ikkontribwixxiet ukoll il-kumpanija li kienet thaddmu.

“Illi l-Art. 47 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali kien intiz sabiex johloq bilanc bejn il-protezzjoni ta’ l-interess pubbliku tal-komunita` fejn kulhadd irrispettivament jekk jircevix jew le pensjoni tas-servizz ikun hallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali u t-tgawdija tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta’ l-individwu.

“Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat:

“Xehed Adrian Attard Principal Officer mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u qal li ilu jahdem mad-Dipartiment ghal 38 sena. Dwar Emanuel Debono qal li dan kien registrat taht is-Social Security Act u kien ihallas il-bolla skond is-salarju li kellu. Qal li hu kien ihallas l-ghola rata mis-salarju li kellu ta’ employed. Semma li kien jahdem mal-Lloyds Register of Shipping u waqaf minn maghhom fl-1991. Qal li r-rikorrent kien ukoll ihallas ghal ***super scheme*** u dan kien jaghmlu minn butu u l-imghallem tieghu kien ukoll ihallas il-parti tieghu ghall-istess fond mal-Lloyds Registrar of Shipping.

“Semma’ li l-istima ta’ pensjoni ssir billi l-ewwel jigi determinat id-dhul pensjonabbli. Fil-kaz ta’ impjegat huwa l-medja ta’ l-ahjar tlett snin konseguttivi fl-ahhar ghaxar snin u meta johrog id-dhul pensjonabbli, il-persuna tkun intitolata ghal zewg terzi tieghu jekk ikollha l-bolol imhallsin kollha fejn fil-kaz tar-rikorrent kienu. Fejn il-persuna tkun qedha tircievi pensjoni minn banda ohra, tas-servizz, jigifieri minghand l-imghallem li kienet tahdem maghha, ir-rata rizultanti tigi evaded bl-ammont ta’ pensjoni li jkun qed jircievi bhala ***service pension*** minghand l-***ex-employer*** tieghu. Qal li hemm ***flat rate*** ghar-***retirement pension*** li inqas minn daqshekk ma tistax tiehu. Zied jghid li r-rata li tohrog mis-Sigurta` Socjali plus il-pensjoni li jkun qed jircievi minghand l-imghallem tieghu, flimkien, iridu jgibu daqs jew ftit izjed miz-zewg terzi tad-dhul pensjonabbli li semma.

“Semma’ li rata wahda hemm skond id-dhul li ghandek u l-avarija ssir fl-istima.  Qal li wiehed jiehu 2/3 bis-sahha ta’ zewg pensjonijiet u l-iehor jiehu 2/3 bis-sahha ta’ pensjoni wahda.  Semma li pensjoni privata jista’ jkollha zewg tifsiriet; ***Private pension fund*** li jista’ japplika ghaliha kulhadd u pensjoni bhal din kien intitolat ghaliha ghax kien jikkontribwixxi u kien impjegat ta’ Lloyds.  Qal li jekk wiehed jiehu mhux a service pension izda jkun ghamel skema per ezempju ma’ ditta ta’ insurance, dik ma tigix komputata u ma tigix kunsidrata, izda jekk tkun pensjoni derivata minn xoghol dik tigi konsidrata.  Semma li l-***flat rate*** dejjem tittiehed. Il-pensjoni mhux kommutata li tigi ***taken into consideration***.  Il-pensjoni tat-tezor kienet parti mill-***conditions of service*** u li l-persuna ma kenitx thallas specifikatament extra ghaliha.  Dwar ir-rikorrent qal li fil-kaz tieghu kien involutary member tal-fund ta’ Lloyds.

“Il-bazi ta’ l-azzjoni tar-rikorrent hija dak li hu jsejjah l-vjolazzjoni li qed isiru u diga` saru u li jmorru kontra l-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-istess Protokol.  L-artikolu 37 jibda hekk:

““(1)Ebda proprjetà ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b’mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b’mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta’ ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta’ pussess jew akkwist –

a) ghall-hlas ta’ kumpens xieraq;

b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta’ access li l-qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta’ kull kumpens li ghalih tista’ tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta’ dak il-kumpens; u

c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta:…"

"L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-KonvenzjoniEwropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jghid:

""Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

"U l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni:

""It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor."

"U hawnhekk insibu ghalhekk il-protezzjoni minn privazzjoni ta' propjeta` bla kumpens. Issa r-rikorrent qieghed jekwipara dak li qieghed jinghata [jew li jsostni li ghandu jinghata – pensjoni] ma' propjeta` - fis-sens li fir-rikors tieghu jsostni li hemm diskriminazzjoni bejn min iqieghed flusu l-bank jew jinvestihom f'shares, bonds jew units f'veikoli ta' investiment u r-rikorrent li kien qed investa f'veikolu "managed" u istitwit mill-employer tieghu.

"Ir-rikorrent sostna li pensjoni hija dritt ta' propjeta' u bhala tali protetta mill-Kostituzzjoni. Irrifera ghal kaz ta' **Gaygusuz vs Austria** [39/1995/545/631] tal-16 ta' Settembru, 1996. Il-kaz jirreferi ghal persuna ta' Nazzjonalita' Torka kontra l-Awstrija biex jigi stabbilit jekk

kienx hemm ksur mill-Awstrija tal-obbligazzjonijiet taghha taht l-artikolu 6 para. 1 u 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Gaygusuz kien jghix l-Awstrija bejn 1973 u 1987 u bien jahdem fl-Awstrija u bejn Lulju 1986 u Marzu 1987 ircieva ***retirement pension***, izda gie rifjutat estensjoni ta' ***Emergency Assistance*** ghax ma kellux cittadinanza Awstrijaka. Gie ezaminat meta tinghata l-***emergency assistance.*** Gaygusuz ilmenta li kien vittma ta' diskriminazzjoni bazat fuq in-nazzjonalita` tieghu kontra d-dispost tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni mehud flimkien ma' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol. Id-dritt ghall-***emergency assistance*** kien dipendenti mill-kontribuzzjonijiet maghmula. Izda fil-kaz ta' Gaygusuz ic-cahda ma kenitx bazata fuq li hu ma hallasx, izda esklusivament fuq il-fatt li ma kellux nazzjonalita` Awstrijaka. Id-dritt ghall-***emergency assistance*** huwa dritt pekunjarju ghall-iskop tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol.

"Fil-paragrafi 36 u 42 tas-sentenza il-Qorti kienet dahhlet fuq l-aspett ta' diskriminazzjoni u qalet:

""36. According to the Court's established case-law, Article 14 of the Convention (art. 14) complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 (art. 14) does not presuppose a breach of those provisions - and to this extent it is autonomous - there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them (see, among other authorities, the Karlheinz Schmidt v. Germany judgment of 18 July 1994, Series A no. 291-B, p. 32, para. 22)…

"42. According to the Court's case-law, a difference of treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 (art. 14), if it "has no objective and reasonable justification", that is if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim

sought to be realised". Moreover the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a different treatment. However, very weighty reasons would have to be put forward before the Court could regard a difference of treatment based exclusively on the ground of nationality as compatible with the Convention."

"Il-Gvern Awstrijak kien ikkontenda li hu kellu obbligi akbar lejn ic-cittadini tieghu. Il-Qorti pero` kienet waslet ghall-konkluzjoni li t-trattament differenti bejn Awstrijaci u ohrajn ma kienx bazat fuq ***"objective and reasonable justification".*** Meta l-Awstrija rratifikat il-Konvenzjoni assumiet l-obbligu li "to secure 'to everyone within [its] jurisdiction' the rights and freedoms defined in section I of the Convention." Ghalhekk il-Qorti kkonkludiet li kien hemm ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni mehud flimkien ma' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol. Il-Qorti ma kenitx ghalhekk hassitu opportun li tezamina jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

"Fuq l-istess aspett insibu ukoll il-kaz ta' **Wessels-Bergervoet vs the Netherlands** deciz mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 fejn jinghad:

""46. The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification (see *Thlimmenos*, cited above, § 44)."

"Dwar l-aspett ta' diskriminazzjoni hu interessanti li wiehed jikkwota mis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet **Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru:**

"li illum pacifiku illi hemm diskriinazzjoni meta 1]kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoniiet ugwali 2] jigu trattati b'mod diferenti [inkluz permezz ta imposizzjoni ta'

inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantagg], 3]meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti [tali bazi obiettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetrera tal-persuni] jew 4] jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita ejn il-mezzi impjegati u l-iskopp vizwalizzat [ara Il-Pulizija vs Dr. Joseph Muscat Prim' Awla sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju 1989, Avukat Dr. Tonio Borg noe vs Ministru Tal-Affarijiet Barranin u Kultura et - Prim Awla sede Kostituzzjonali - 2 ta' Mejju 1984, Carmel Coccopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et - Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Frar 1987 u osta ohrajn.] Ir-rikorrent mhux rikjest li jipprova r-raguni li mmotivat dik id-diskriminazzjoni imma huwa obbligat li jipprova l-fatt tal-diskrimininazzjoni. Jekk imbaghad tali fatt jirrisulta ikun jispetta lil Gvern li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat.

“Fil-kaz presenti ma rrizultax id-diskriminazzjoni allegata. Il-persuna ma' liema r-rikorrent ghamel il-paragun kien ukoll lettur l-Universita u danil-fatt kien jimporta distinzjoni materjali in konsiderazzjoni ta' kif kienu ffrasati r-regoli applikabli. Il-kariga ta' lettur ta' l-Universita ghandha sinjifikat legali specifika u tapplika biss ghal dawk li huma appuntati hala tali mill-kunsill ta' l-Universita.“

“Fis-sub-artikolu (3) tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni hemm definizzjoni tal-kelma diskriminatorju.

““F’dan l-artikolu il-kelma “diskriminatorju” tfisser ghoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn.”

“Fil-kawza deciza mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji [li President tieghu kien l-Imhallef sedenti f’din il-kawza] fit-22 ta’ Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et** intqal:

““Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti….Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.”

“Ghalhekk ir-rikorrent sostna li pensjoni [fil-kaz ta’ Gaygusuz ***emergency assistance*** ] kien gie kunsidrat dritt ta’ propjeta’ li hu protett. Ta’ min isemmi li fil-kaz ta’ **Wessels-Bergervoet vs The Netherlands** it-Tribunal ta’ l-Appelli kien innota li kien hemm stipulat li l-insurance tan-nisa mizzewga kien dipendenti mill-fatt jekk zwieghom kienux assigurati waqt li ma kien hemm ebda klawsola simili ghall-irgiel mizzewga. Kien ghalhekk li r-rikorrenti f’dak il-kaz ssottomettiet li kien hemm il-ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni minhabba diskriminazzjoni bazat fuq sess. Ukoll gie osservat li:

““43. The Court notes that, in its final decision on admissibility dated 3 October 2000, it held that the applicant's rights to a pension under the General Old Age Pensions Act could be regarded as a “possession” within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 and that, consequently, Article 14 of the Convention was applicable.”

“Izda kien hafna sinifikanti l-kliem tal-Qorti fil-paragrafu 48:

““48. The Court concludes that the reduction in the applicant's benefits under the Act was therefore based exclusively on the fact that she is a married woman. It has not been argued that the applicant failed to satisfy any of the other statutory conditions for benefits under the Act.”

“Fil-kaz ta’ **Kjartan Asmundsson vs Iceland** deciza mill-Qorti Ewropea fit-12 ta’ Ottubru, 2004 it-talba kienet tirreferi ghal ***disability pension*** mis-***Seamen’s Pension Fund.*** Ir-rikorrent sostna li dawn kienu koperti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol. Fil-paragrfu 39 il-Qorti qalet:

““39. The Court reiterates that Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules (see *James and Others v. the United Kingdom*, judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, pp. 29-30, § 37). The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule.

“According to the Convention institutions' case-law, the making of contributions to a pension fund may, in certain circumstances, create a property right and such a right may be affected by the manner in which the fund is distributed (see *Bellet, Huertas and Vialatte v. France* (dec.), nos. 40832/98, 40833/98 and 40906/98, 27 April 1999; and *Skorkiewicz v. Poland* (dec.) no. 39860/98). Moreover, the rights stemming from payment of contributions to social insurance systems are pecuniary rights for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 to the

Convention (see *Gaygusuz v. Austria*, judgment of 16 September 1996, *Reports of Judgments and Decisions* 1997, p. 1142, §§ 39-41). However, even assuming that Article 1 of Protocol No. 1 guarantees benefits to persons who have contributed to a social insurance system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount (see *Müller v. Austria*, no. 5849/72, Commission's report of 1 October 1975, Decisions and Reports (D.R.). 3, p. 25; and the above-mentioned *Skorkiewicz v. Poland* decision)…

"Issa fil-kaz odjern id-dritt tar-rikorrent huwa wiehed ta' pensjoni [li hi dipendenti mill-artikolu 47 tal-Kap 318]. Bhal kif irrizulta mill-kaz ta' Gaygusuz dwar ***emergency assistance***, u ta' Wessels-Bergervoet dwar ***pension***, u fil-kaz Asmundsson dwar ***disability pension*** li dawn jinkwadraw ruhhom taht dak li hemm dispost fl-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol, bl-istess mod dak li jsemmi r-rikorrent jidhol fit-tifsira ta' ***possession***.  Izda wiehed irid izomm quddiem ghajnejn li fil-kaz ta' Gaygusuz il-bazi tad-decizzjoni kienet d-diskriminazzjoni dwar ic-cittadinanza, u fil-kaz ta' Wessels-Bergervoet kienet id-diskriminazzjoni fuq nisa mizzewga u irgiel mizzewga, u fil-kaz ta' Asmundsson kif qalet il-Qorti:

""43. However, the Court is struck by the fact that the applicant belonged to a small group of 54 disability pensioners (some 15 % of the 336 persons mentioned above) whose pensions, unlike those of any other group, were discontinued altogether on 1 July 1997."

"Issa fil-kaz in ezami din id-diskriminazzjoni mhix qedgha temergi.  Riferibbilment ghall-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol jikkomprendi tliet regoli.  L-ewwel wahda hija ta' natura generali u tinsisti fuq il-principju tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti (ara **James and others vs The United Kingdom** sentenza tal-Qorti Ewropeja 21 ta' Frar 1986 paragrafu 37).  It-tieni regola tkopri t-tehid tal-possedimenti u taghmilha suggetta ghal certu kundizzjonijiet (interess pubbliku).  It-tielet principju jirreferi ghal dritt tal-pajjizi firmatarji li jikkontrollaw l-uzu tal-proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-

hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni. Ovvjament ma hemmx problema dwar il-kaz in ezami dwar l-ewwel zewg prinicpji izda l-problema li tinholoq hija dwar it-tielet wiehed.

“Jinghad ukoll li d-disposizzjonijiet imsemmija ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skond l-interess generali.  L-artikolu 47 tal-Att Dwar is-Sigurta’ Socjali ma johloq ebda forma ta’ diskriminazzjoni.  Hu intiz biex johloq principji dwar rati ta’ pensjoni applikabbli u rati ta’ sigurta’ socjali.  Hija ligi [li wiehed jista’ jaqbel maghha jew le, izda dan ma jirrendix l-ligi anti-Kostituzzjonali jew kontra l-Konvenzjoni] intiza fuq solidarita’ socjali kif jitqassam il-gid tal-pajjiz.  Min ihallas kontribuzzjonijiet hu intitolat ghall-beneficcji izda mhux necessarjament ghal xi ammont partikolari u dan kif gie ritenut f’**Muller vs Austria** [5849/72] u Skorkiewicz vs Poland [39860/98].  Kif inghad fil-kawza ta’ **Asmundsson vs Iceland**:

““An important consideration in the assessment under this provision is whether the applicant's right to derive benefits from the social insurance scheme in question has been infringed in a manner resulting in the impairment of the essence of his pension rights (see *Stanislaw Domalewski v. Poland* (dec.), no. 34610/97, 15 June1999).”

“Dan iwassal biex il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali u Avukat General u konsegwentament tichad it-talba.

“Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.”

**L-appell**

**3.** Ir-rikorrent nomine appella minn din is-sentenza b’rikors ippresentat fit-30 ta’ Jannar 2006. Bazikament l-appellant jikkontendi li kemm il-pensjoni kontributorja mal-Gvern kif ukoll il-pensjoni ma’ Lloyds ghandhom jigu protetti bl-istess mod u bhala “possessions”. Jikkontendi li bil-mod kif tithaddem il-ligi qed isir “esproprju” fuq il-pensjoni ta’

Lloyds. F'dan l-esproprju, skond l-appellant, ma nzammitx il-"proporzjonalita`" mehtiega. Inoltre jikkontendi li *"…hemm diskriminazzjoni fuq bazi ta' proprjeta`…"* ghax *"…li kieku l-esponenti qieghed flusu l-bank, l-intimat ma kienx jidhol fuq l-interessi li jiehu biex jikkalkula l-pensjoni taht in-National Insurance jew is-Social Security Act."* Ighid li hemm diskriminazzjoni a bazi ta' "other status" ghax (i) l-*employer* tieghu kien barrani, (ii) ghax membri parlamentari maltin (bhalma huwa l-appellant *nomine,*cioe` Dott. J. Brincat), huma trattati b'mod differenti, u (iii) ghax huwa, cioe` l-appellant Debono, huwa membru ta' "minoranza" li jahdmu Malta ma' kumpaniji internazzjonali. Jilmenta, finalment, li ma hemm ebda gustifikazzjoni jew ragjonevolezza fil-provvediment in kontestazzjoni.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

**4.** Jibda biex jinghad li meta fis-27 ta' Frar 2006 l-appell thalla ghas-sentenza, din il-Qorti kkoncediet lill-partijiet il-fakolta` li jipprezentaw noti ta' referenzi ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghal xi disposizzjonijiet tal-ligi ohra li huma jidhrilhom li jistghu jkunu rilevanti ghall-kaz. Dawn in-noti kellhom jigu ppresentati <u>bil-visto</u> tal-kontroparti. Issa, filwaqt li l-appellant nomine ppresenta (fit-22 ta' Marzu 2006) din in-nota bil-visto ta' Dott. Marvic Sciberras Abdilla li dehret f'din il-kawza ghall-appellati, l-istess ma jistax jinghad ghan-nota ta' l-appellati (presentata fl-20 ta' Marzu 2006) – din in-nota ta' l-appellati giet presentata minghajr il-visto tal-kontroparti, u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni taghha.

**5.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha, u hadet konjizzjoni wkoll tad-diversi sentenzi ezibiti quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll tas-sentenzi indikati fin-nota ta' l-appellant tat-22 ta' Marzu 2006, u waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax takkolji dana l-appell, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

i. L-appellant ma gab ebda aggravju specifikatament dirett kontra n-non-akkoljiment tat-talbiet

tieghu in kwantu ibbazati fuq l-allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Infatti, jekk wiehed jara sew ir-rikors ta' appell, dan jaghmel biss referenza, ankorke` indirettament, ghad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u ghall-principji – ez. dak tal-"proporzjonalita" – li tfasslu mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jsibu applikazzjoni principalment fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma sarx bi zvista, izda ghax l-appellant irrikonoxxa li l-portata ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija aktar ristretta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan ta' l-ahhar jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti"[1] ("possessions" fit-test ingliz, "biens" fit-test franciz) ta' dak li jkun, l-istess ma jistax jinghad ghall-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar l-ittehid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjeta` ta' kull xorta li tkun jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjeta` (dejjem ta' kull xorta li tkun). Fil-kaz in dizamina bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jew tal-ermenewtika legali ma jista' jinghad li l-fatti kif prospettati fir-rikors promotorju u kif irrizultaw mid-deposizzjoni ta' Adrian Attard jammontaw ghall-ittehid ta' pussess ta' xi haga jew ghall-ksib ta' xi interess fi, jew dritt fuq, xi haga proprjeta` ta' Emanuel Debono. Ghalhekk il-kwistjoni kollha ghandha tigi ezaminata – kif fil-fatt sar mill-ewwel Qorti – fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u senjatament tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, u tal-Artikolu 14.

ii. Fir-rikors promotorju tieghu, l-appellant nomine, allura rikorrent, allega ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni kemm separatament kif ukoll meta abbinati flimkien. Issa, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma ghandu ebda ezistenza indipendenti minn xi wiehed jew aktar mid-drittijiet sostantivi l-ohra protetti bl-istess Konvenzjoni; minkejja dan, pero`, jista

[1] *"In its judgment in the case of* ***Gasus Dosier- und Fordertechnic GmbH****, the Court confirmed that the notion of 'possessions' has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights and thus as 'possessions'."*: van Dijk P. and van Hoof G.J.H., **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer Law International (The Hague), 1998, p. 619.

jkun hemm vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu 14 minghajr ma jkun hemm ukoll vjolazzjoni ta' artikolu sostantiv iehor. Il-formulazzjoni klassika ta' dan il-principju wiehed isibha fis-sentenza ta' ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.*** [2], fejn inghad hekk:

**"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions -- and to this extent it is autonomous -- , there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."** [3]

iii. Isegwi, ghalhekk, li jridu jsiru tlett mistoqsijiet, u cioe` (A) jekk pensjoni li ghaliha persuna tkun ikkontribwiet b'pagamenti[4] tammontax ghal "possediment" ghal-finijiet tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, (B) jekk dan id-dritt hux dritt ghal pensjoni f'xi ammont partikolari, u (C) jekk it-twegiba ghall-anqas ghall-mistoqsija (A) hija fl-affermattiv, jekk fil-kaz konkret hemmx diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14, cioe` jekk kienx hemm trattament differenti ta' persuni "in analogous situations" minghajr ma kien hemm "an objective and reasonable justification" ghal tali trattament differenti[5].

iv. Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament diversi sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg, fosthom ***Szrabjer and Clarke v. U.K.***[6]23/10/1977, ***Domalewsky v. Poland*** 15/6/1999, ***Walden v. Liechtenstein*** 16/3/2000, ***Azinas v. Cyprus*** 20/6/2000, ***Jankovic v. Croatia*** 12/10/2000,

[2] Deciza fit-28 ta' Mejju 1985.
[3] A.94, p. 35
[4] Ma hemm ebda dritt, garantit bil-Konvenzjoni, ghal pensjoni *ut sic*, cioe` indipendentement minn kontribuzzjonijiet li persuna tkun ghamlet ghal xi fond: *"The Court recalls that although no right to a pension as such is guaranteed by the Convention, the payments of contributions to a social security fund may create a property right protected by Article 1 of Protocol No. 1…"*, ***Hadzic v. Croatia*** 13/9/2001.
[5] ***Thlimmenos v. Greece*** 6/4/2000, para. 44.
[6] Din kienet decizjoni tal-Kummissjoni.

***Hadzic v. Croatia*** 13/9/2001, ***Wessels-Bergervoet v. The Netherlands*** 4/6/2002, ***Willis v. U.K.*** 11/6/2002 u ***Asmundsson v. Iceland*** 12/10/2004 ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li t-twegiba ghall-mistoqsija (A) hija fl-affermattiv, izda t-twegiba ghall-mistoqsija (B) hija fin-negattiv meta si tratta ta' pagamenti maghmula lil, u allura pensjoni percepita minn, "a social security system". Dan kollu hu riassunt fis-segwenti bran mill-aktar recenti mis-sentenzi hawn fuq imsemmija, ***Asmundsson v. Iceland***, fejn il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk:

**"The Court reiterates that Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules (see *James and Others v. the United Kingdom*, judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, pp. 29-30, § 37). The first rule, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to the peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule.**

**"According to the Convention institutions' case-law, the making of contributions to a pension fund may, in certain circumstances, create a property right and such a right may be affected by the manner in which the fund is distributed (see *Bellet, Huertas and Vialatte v. France* (dec.), nos. 40832/98, 40833/98 and 40906/98, 27 April 1999, and *Skorkiewicz v. Poland* (dec.), no. 39860/98, 1 June 1999). Moreover, the rights stemming from payment of contributions to social insurance systems are pecuniary rights for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 (see *Gaygusuz***

***v. Austria*, judgment of 16 September 1996, *Reports of Judgments and Decisions* 1996-IV, p. 1142, §§ 39-41). However, even assuming that Article 1 of Protocol No. 1 guarantees benefits to persons who have contributed to a social insurance system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount (see *Müller v. Austria*, no. 5849/72, Commission's report of 1 October 1975, Decisions and Reports 3, p. 25, and *Skorkiewicz*, cited above). An important consideration in the assessment under this provision is whether the applicant's right to derive benefits from the social insurance scheme in question has been infringed in a manner resulting in the impairment of the essence of his pension rights (see *Domalewski v. Poland* (dec.), no. 34610/97, ECHR 1999-V).”** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` l-Qorti Kostituzzjonali).

v. Fi kliem iehor, ghalkemm, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-fatt li wiehed ikun ikkontribwixxa ghax hallas “il-bolla” tas-sigurta` socjali, johloq “a property right” li jista' jkun protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, meta si tratta ta' skema imhaddma mill-iStat fl-ambitu tas-sigurta` socjali wiehed ma jistax jitkellem dwar dritt ghal xi ammont partikolari ta' pensjoni[7]. Sakemm dak li jkun sar ma jkunx jammonta ghal negazzjoni totali tad-dritt ghall-pensjoni (jew, bhalma kien f'diversi mill-kazijiet hawn aktar 'l fuq citati, negazzjoni totali ghal xi beneficcju ta' natura pekunjarja iehor), wiehed ma jistax jitkellem dwar ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Fil-kaz in dizamina, id-disposizzjoni tal-ligi li qed tigi attakkata – l-Artikolu 47 tal-Kap. 318, abbinat, s'intendi ma' disposizzjonijiet ohra tal-istess ligi – tipprovdi li meta persuna jkollha “service pension”

[7] *“Where a person has contributed to a pension fund, this could, according to the Commission, in certain circumstances create a property right in a portion of such a fund and a modification of the pension rights under such a system could in principle raise an issue under Art. 1 of Protocol No. 1. Where the payments are to a social security system, even assuming that this gives rise to a right to derive a benefit from the system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount.”*: Reid K., **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London) 2004, p. 410, para. IIB-284.

minghand l-*ex-employer* taghha, il-pensjoni tas-sigurta` socjali titnaqqas bid-differenza ta' dak li dik il-persuna tkun qed tippercepixxi mill-pensjoni privata. Pero` qatt ma tigi negata ghal kollox il-pensjoni tas-sigurta` socjali. Kif fisser Adrian Attard quddiem l-ewwel Qorti (fol. 14): *"S'intendi ir-*retirement pension *hemm* flat rate *li inqas minn daqshekk ma tistax tiehu. Awtomatikament ir-rata li tohrog tas-Sigurta` Socjali* plus *il-pensjoni li jkun qed jircievi minghand l-imghallem tieghu, flimkien, iridu jgibu daqs jew ftit izjed miz-zewg terzi tad-dhul pensjonabbli li semmejt."* Ghalhekk, fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Anqas ma jista' jinghad li hemm xi nuqqas ta' proporzjonalita`, kif allegat fit-tielet aggravju ta' l-appellant. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hawn si tratta ta' mizura bbazata fuq solidarjeta` socjali intiza biex, safejn hu possibbli, il-gid jitqassam ma', u jitwassal lil, kulhadd. Kif tosserva Karen Reid (ara *nota in calce* nru 7): *"A wide margin applies however to States in regulating their social policy. This can include measures reducing pensions in pursuit of social justice or re-integration into the general system of previously privileged groups."* [8]

vi. Nigu, issa, ghal jekk hemmx diskriminazzjoni a bazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Frankament din il-Qorti ma tara li hemm ebda diskriminazzjoni, u l-argumenti jew ezempji migjuba mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu (u riassunti fil-paragrafu **3**, *supra*, ta' din is-sentenza) huma semplicement sofizmi. Effettivament kull min hu fil-posizzjoni ta' l-appellant – cioe` ghandu pensjoni privata – jigi trattat bl-istess mod, u ma ngabet ebda prova ta' xi trattament "differenti" ta' persuni li jinsabu f'posizzjoni simili ghal dik ta' l-appellant nomine. Il-fatt li certi persuni jista', minhabba n-natura tax-xoghol taghhom, ikollhom "service pension" li b'effett taghha jippercepixxu aktar milli jippercepixxi Debono, ma jfissirx b'daqshekk li ma hemmx "an objective and reasonable justification" ghal dik id-differenza[9].

---

[8] Op.cit. p. 412, para. IIB-285.

[9] Kif kie osservat fil-kaz ta' **Jankovic**, supra, "The Court further notes that, for the purposes of Article 14 of the Convention, a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification, which means that it does not pursue a

**Decide**

**6.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza ikunu a karigu ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

“legitimate aim” or that there is no “reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be realised”. Moreover, in this respect the contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment…”